MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2014

Talba Numru. 542/2007

**Carmelo Caruana Co Ltd**

**Vs**

**Omni Stat Ltd**

**It-Tribunal**

Ra l-avviz tas-socjeta' attrici fejn talbet lil dan it-Tribunal jiddikjara li s-socjeta' konvenuta hija debitrici tas-socjeta' attrici fis-somma ta’ tlett mija u sebgha u erbghin Lira Maltija (Lm347.84) ekwivalenti ghal tmien mija u ghaxar ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€ 810.25), rapprezentanti halas ghal servizzi li s-socjeta' attrici lahqet irrendiet lis-socjeta' konvenuta qabel ma din rrevokat l-inkarigu taghha.

Illi peress illi l-inkarigu gie rrevokat tard mis-socjeta' konvenuta, is-socjeta' attrici lahqet inkorriet spejjez sabiex bdiet twettaq dan l-inkarigu liema spejjez qed jissejhu pre *carriage costs*.

Illi s-socjeta' konvenuta interpellata diversi drabi baqghet inadempjenti

Bl-ispejjez, inkluz tal-ittra ufficjali nnumerata 745/07 u bl-imghax mid-data meta l-ammont pretiz kien dovut sad-data tal-pagament effettiv.

Ra r-risposta tas-socjeta' koventuta li eccepiet illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici stante illi in linea preliminari t-talba attrici hija preskritta ai termini tal-Artiklu 2147(d) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, kienet is-socjeta' attrici li naqset milli tonora l-obbligu kuntrattwali taghha billi ma waslitx il-merkanzija fiz-zmien miftiehem bejn il-partijiet. Kien ghalhekk illi s-socjeta' kovenuta giet kostretta li tittermina l-inkarigu tas-socjeta' attrici.

Illi mhux minnu li s-socjeta' attrici lahqet irrendiet servizzi lis-socjeta' konvenuta qabel ma din giet kostretta li tirrevoka l-inkarigu taghha permea ta’ email mibghuta mis-sales manager tas-socjeta' konvenuta data 20 ta’ Mejju 2005.

Subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta' attrici trid tressaq il-prova dwar l-ispejjez allegatament inkorsi minnha, liema spejjez huma esagerati.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Ra x-xhieda ta’ Mark Schembri in rapprezentanza tas-socjeta' konvenuta, fejn jghid illi jahdem bahla sales u marketing manager. Huwa jghid illi s-socjeta' konvenuta kellha bzonn iggib xi ghamara minn barra u kienet ikkommunikat mas-socjeta' attrici sabiex din tingieb hawn Malta bil-bahar. Kienu marbutin bid-data tal-konsenja, kif ukoll bil-konsegwenti penali, u kien ghalhekk illi meta s-socjeta' attrici nfurmathom illi ma setghetx twassal il-merkanzija fi zmien stipulate, kellhom ifittxu shippers alternattivi sabiex iwasslu l-merkanzija fiz-zmien stipulat.

Kienu l-Express Trailers, li kienu wieghdu lis-socjeta' konvenuta li setghu jwasslu l-merkanzija fiz-zmien mitlub. Konsegwentement kien baghat email lis-socjeta' attrici fjen infurmaha li s-socjeta' konvenuta kienet qed tittermina s-servizzi

taghha. Il-ftehim mas-socjeta' attrici sar fit-18 ta' Mejju, 2005 li kien baghat l-email, li ghaliha s-socjeta' attrici naqset li tirrispondi.

Jispjega li s-socjeta' attrici keinet infurmathom li ma setghetx twassal il-merkanzija fiz-zmien rikjest, fl-20 ta' Mejju 2005, u kien sussegwentement li s-socjeta' konvenuta kienet irceviet invoice ta' hames mitt lira maltija (Lm500) u cioe ekwivalenti ghal elf, mija u erbgha u sittin Ewro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69) u dan ghal garr ta' merkanzija. Wara jghid illi qatt ma rcevew xi ittra legali.

Jikkonferma li f'Settembru 2006, is-socjeta' konvenuta kienet ghadha qed topera mill-indirizz Island Buildings Mdina Rd Attard.

In kontro ezami x-xhud jispjega li huma kienu darb'ohra ghamlu ordni mas-socjeta' attrici ghal konsenja ta' photocopy paper, u kellhom ihallsu depozitu ta' hamsin Lira Maltija (Lm50) u cioe ekwivalenti ghal mija u sittax-il Ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) ghal habta tat-23 ta' Marzu, 2006 u dan bhala depozitu ghal demurrage fees. Generalment dawn huma rifondibbli, izda s-socjeta attrici qatt ma kienet tathom xejn lura.

Jispjega wkoll illi s-socjeta' attrici kienet qed titlob il-hlas pretiz f'din il-kawza qabel ma tikkonsenja l-photocopy paper, izda tramite l-intervent tal-avukat kienet gew ikkonsenjati.

Ix-xhud jinsisti li kien hemm differenza mill-ordni, mertu ta' din il-kawza, li kienet tirrigwarda garr ta' ghamarau mhux ghal photocopy paper, li kinet kwistjoni ohra.

Ra x-xhieda ta' Tonio Micalef li jokkupa l-kariga ta' accountant mas-socjeta' attrici. Jikkonferma li kien hemm ordni ghall garr ta' merkanzija mis-socjeta' konvenuta u kienu ghalhekk ghamlu arrangement wkoll ghal trakk sabiex din il-merkanzija titghabba fil-weekend. Meta s-socjeta' konvenuta kienet itterminat din l-ordni ma kienux jafu, ghaliex kie fil-weekend, u s-socjeta' attrici ma kienitx tahdem

fil-weekend. Saru jafu peress li, meta t-trakk mar sabiex jghabbi l-merkanzija s-supplier infurmah li ma kienu ser jahdmu maghhom.

It-Tribunal ta' decizjoni fejn cahad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

Xehed Duncan Montfort li l-kariga tieghu fi hdan il-kumpanija attrici. Dan ix-xhud jghid illi Mark Schembri li huwa Sales Manager mas-socjeta' konvenuta kien talab quotation biex jingieb container mill-Italja. L-ghada inghata quotation u fl-istess gurnata kkonferma l-ordni. Peress illi l-konferma saret fis-6.36pm ix-xhud informa lil-agent fl-Italja l-ghada tal-konferma. Talbu wkoll sabiex dan ix-xoghol jinghata prijorita peress illi kien urgent u talbu jibghatu mal-ewwel vapor lejn Malta. L-agent ikkonfermalu illi jew jitlaq minn Ancona fit-2 ta' Gunju, 2005 jew minn Genoa fit-28 ta' Mejju, 2005. Flimkien ma' Mark Schembri intaghzlet l-ghazla li jinzel minn Genova. Mark Schembri rega kkonferma l-ordni u inghatat ordni finali lill-agent fl-Italja. Dan kien il-Hamis 19 ta' Mejju, 2005.

Il-Gimgha 20 ta' Mejju, 2005 wara l-hin tax-xoghol Mark Schembri baghat mail biex jikkancella l-ordni li kellha tingabar il-Hadd 22 ta' Mejju, 2005.

Wara li gara hekk l-agent fl-Italja talab hlas ta' sebgha mija u wiehed u tletin ewro (€731). Is-socjeta' konvenuta inghatat ic-cans li tiffranka dan l-ammont billi tikkonferma l-ordni halli l-vjagg ma jkunx inutli. Izda dan ma garax u x-xoghol ma ngiebx Malta mis-socjeta' attrici.

Xehed Mark Schembri li huwa Sales Manager tal-kumpanija konvenuta li qal illi fis-16 ta' Mejju, 2005 talab quotation minghand is-socjeta' attrici biex jingieb container lejn Malta minn Ancona. Kien kellem lil Duncan Montfort li qallu li fi zmien tlett ijiem kien ikun Malta pero imbaghad hemm gimgha biex jigi kkonfermat. Fuq dan ix-xhud ikkonferma l-ordni.

Kien important ghax-xhud illi x-xoghol jasal gimgha wara s-16 ta' Mejju, 2005 ghaliex inkella kellu penali. Estimated date of arrival kienet indikata bhala 25 ta' Mejju, 2005. Dan kien tajjeb. Pero meta gie nfurmat illi x-xoghol ma setax jasal sal-25 ta Mejju kellu jsib agent iehor biex inizzillu x-xoghol.

Dan ix-xhud cahad li kkonferma l-ghazla li x-xoghol jitnizzel minn Genova fil-25 ta’ Mejju, 2005. Dan ix-xhud qal ukoll illi mhux minnu li l-agent tas-socjeta' attrici mar biex jigbor ix-xoghol.

Xehed Tonio Micallef Financial Controller mas-socjeta' attrici dwar il-hinijiet tax-xoghol tal-impjegati tas-socjeta' attrici kif ukoll dwar il-fatt illi huma zammew ammont ta’ hamsin lira maltija (Lm50) u cioe' ekkwivalenti ghal mija u sittax-il ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) li diga mnaqqsa mill-ammont.

It-Tribunal wara li semgha x-xhieda u ra d-dokumenti pprezentati jikkunsidra dan il-kaz fejn is-socjeta' attrici qed titlob danni li nkorriet meta marret tigbor ix-xoghol u dan il-garr gie kkancellat. Is-socjeta' konvenuta minn-naha taghha qed tghid illi la darba hija kkancellat il-garr allura ma ghandhiex thallas. Wiehed ghalhekk irid jikkunsidra ghaliex giet ikkancellata l-ordni tal-garr u meta saret.

Is-socjeta' konvenuta permezz ax-xhud imtella minnha stess tghid illi kkancellat l-ordni peress illi x-xoghol kien ser jasal tard u kienet ghamlet premura li ghandha bzonn li x-xoghol jasal sa certu data. Sa hawnhekk kollox sew is-socjeta' konvenuta kellha kull dritt taghmel hekk gia la darba forsi rnexxilha ssib lil xi kumpanija ohra li tiggarantilha li x-xoghol jasal qabel id-data li setghet toffrilha s-socjeta' attrici. Pero hawnhekk wiehed awtomatikament jghaddi biex jara meta giet ikkancellata l-ordni.

Zewg xhieda tas-socjeta' attrici xehdu dwar il-hinijiet tal-impjegati tas-socjeta' attrici u cioe li jahdmu sal-hamsa ta’ filghaxija. Wiehed jista jikkunsidra illi la darba din ma kienitx l-ewwel darba li s-socjeta' konvenuta hadmet mas-socjeta' attrici allura dawn il-hinijiet kienet tafhom. Ma jistax wiehed jippretendi illi jikkancella ordni ta’ garr il-Gimgha fil-hamsa u tlieta u tletin minunta ta’ filghaxija meta l-kumpanija tkun ghalqet fil-hamsa ta’ filghaxija u l-garr kien ser isir il-Hadd ta’ wara. Dan meta l-kumpanija attrici lanqas tahdem is-Sibt.

Ghalhekk gia la darba s-socjeta' konvenuta ghazlet illi tikkancella l-ordni wara l-hinijiet tal-gheluq tas-socjeta' attrici u ma kellhiex garanzija li l-impjegati tas-socjeta' attrici agixxew fuq dan il-kancellament allura dan ghamlitu b’riskju taghha. Ta’ dan

ir-riskju li ttiehed mis-socjeta' konvenuta, s-socjeta' attrici giet iccargjata flus meta sar it-tragitt tal-garrr tal-merkanzija inutilment. It-trakk mar biex jigbor il-merkanzija pero sab illi kien hemm ordni li ser jingarr minn haddiehor. Ghalhekk sar targitt inutli u ta' dan il-kumpanija estera thallset mis-socjeta' attrici. Dan l-ammont ghandha tbatieh is-socjeta' konvenuta minhabba r-riskju li hadet illi tikkancella wara l-hin tal-gheluq. Pero s-socjeta' konvenuta ghandha tbati l-ammont ta' sebgha mija u wiehed u tletin ewro (€731) li xehed fuqhom l-impjegat tas-socjeta' attrici li minnhom iridu jitnaqqsu l-ammont ta' hamsin lira maltija (Lm50) ekwivalenti ghal mija u sittax-il ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) li diga nzammu mis-socjeta' attrici.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta u jiddecidi billi jilqa' it-talba attrici pero ghal ammont ta' sitt mija u hmistax-il ewro (€615) bl-imghax mid-data tal-prezentat sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez tal-kawza jkunu a karigu tas-socjeta' konvenuta.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------